Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Settembru 2026
(OR. en)**

**13793/26**

**JAI 1223
COPEN 362
CYBER 389
COPS 568
RELEX 1244
JAIEX 76
TELECOM 453
POLMIL 402
CFSP/PESC 1536
ENFOPOL 351
DATAPROTECT 305**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' Settembru 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 522 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati fin-Nazzjonijiet Uniti, f'isem l-Unjoni Ewropea, għal abbozz ta' protokoll li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 522 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 522 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2026
COM(2026) 522 final

Rakkomandazzjoni għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati fin-Nazzjonijiet Uniti, f'isem l-Unjoni Ewropea, għal abbozz ta' protokoll li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAR-RAKKOMANDAZZJONI

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Iċ-ċiberkriminalità hija fenomenu globali u mingħajr fruntieri. Iċ-ċiberkriminali jisfruttaw teknoloġiji emerġenti bħall-Intelliġenza Artifiċjali (IA) għall-awtomatizzazzjoni tal-attakki, l-inġinerija soċjali, u l-evitar tal-miżuri ta' sigurtà, u b'hekk l-attakki ċibernetiċi jsiru aktar skalabbli u effiċjenti. Ir-reċessjoni ekonomika, l-instabbiltà ġeopolitika u t-twessigħ tal-inugwaljanza globali żiedu l-inċentivi għall-individwi biex jinvolvu ruħhom f'ċiberkriminalità motivata finanzjarjament[1]. In-natura mingħajr fruntieri tal-internet tagħmel l-investigazzjonijiet taċ-ċiberkriminalità kważi dejjem ta' natura transfruntiera, u b'hekk tkun meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet f'pajjiżi differenti.

F'dawn l-aħħar snin, l-għadd ta' pajjiżi li magħhom hija meħtieġa kooperazzjoni kien qed jikber, minħabba li ċ-ċiberkriminali jinħbew f'ġuriżdizzjonijiet konvenjenti madwar id-dinja biex iwettqu l-attakki tagħhom fuq l-UE u l-pajjiżi sħab tagħha. Għalhekk, qed jittieħdu azzjonijiet biex tittejjeb il-kooperazzjoni biex tkun miġġielda ċ-ċiberkriminalità fil-livelli nazzjonali, tal-UE[2] u internazzjonali. Il-Konvenzjoni l-ġdida tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità ("il-Konvenzjoni tan-NU")[3] hija parti minn dawn l-azzjonijiet. Hija tipprovdi regoli komuni fil-livell globali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fuq iċ-ċiberkriminalità u l-ġbir ta' evidenza f'forma elettronika għall-fini ta' investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali, u b'hekk toħloq bażi għal kooperazzjoni ma' ħafna pajjiżi li magħhom la l-UE u lanqas l-Istati Membri tagħha ma jkollhom ftehimiet fis-seħħ, filwaqt li tiżgura r-rispett għal-liġijiet u l-valuri tal-UE. Il-Konvenzjoni tan-NU hija kompatibbli u komplementari mal-istrumenti eżistenti tal-UE u dawk internazzjonali bħall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità (il-"Konvenzjoni ta' Budapest")[4], il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata (UNTOC)[5] u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC)[6].

---

1 Europol, Serious and Organised Crime Threat Assessment (SOCTA), 2025.

2 Ir-Regolament (UE) 2023/1543 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali (ĠU L 191, 28.7.2023, pp. 118–180, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1543/oj) a u d-Direttiva (UE) 2023/1544 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar id-deżinjazzjoni ta' stabbilimenti deżinjati u l-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini ta' ġbir ta' evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali (ĠU L 191, 28.7.2023, pp. 181–190, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1544/oj).

3 C.N.196.2025.TREATIES-XVIII.16 tat-13 ta' Mejju 2025 (Ftuħ għall-iffirmar).

4 CETS No. 185.

5 Dok. A/55/383. L-UE ffirmat l-UNTOC fit-12 ta' Diċembru 2000 u rratifikatha fil-21 ta' Mejju 2004 u rratifikat ukoll il-protokolli tagħha dwar il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin. Ara 2004/579/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 69–69, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/579/oj); 2006/616/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Lulju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll Kontra t-Traffikar ta' Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, safejn id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 179 u l-Artikolu 181a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 262, 22.9.2006, pp. 24–33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2006/616/oj) u 2006/619/EC: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Lulju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll Kontra t-Traffikar ta' Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, safejn id-dispożizzjonijiet

Il-Kummissjoni nnegozjat il-Konvenzjoni tan-NU f'isem l-Unjoni, skont deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("il-Kunsill") tal-24 ta' Mejju 2022 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea[7].

Fl-24 ta' Diċembru 2024, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat il-Konvenzjoni tan-NU[8]. Fil-25 ta' Ottubru 2025, il-Konvenzjoni nfetħet għall-iffirmar f'Hanoi, il-Vjetnam, u se tidħol fis-seħħ ladarba 40 Stat Parti jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jkunu marbuta bil-Konvenzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 65, il-paragrafi 1 u 2. Sal-lum, 87 Stat iffirmaw il-Konvenzjoni, u tlieta minnhom esprimew il-kunsens tagħhom (l-Ażerbajġan, il-Qatar u l-Vjetnam).

Fit-13 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiffirmaw il-Konvenzjoni tan-NU[9], li ppermettiet lill-UE u lil 13 mill-Istati Membri tagħha jagħmlu dan fiċ-ċerimonja tal-iffirmar. Żewġ Stati Membri oħra ffirmaw f'Ġunju 2026, wieħed f'Lulju u oħrajn qed jaħdmu biex jaslu għall-iffirmar.

Fil-11 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mad-deċiżjoni tal-Kunsill li jikkonkludi l-Konvenzjoni u bagħatha lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, li ngħatat fl-20 ta' Mejju 2026[10]. Fl-4 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-Konklużjoni tal-Konvenzjoni[11].

Ir-riżoluzzjoni 79/243 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU pprevediet li l-kumitat ta' esperti *ad hoc* miftuħ tan-NU (UN AHC) fejn sar il-proċess ta' negozjar tal-Konvenzjoni għandu jkompli l-ħidma tiegħu bil-ħsieb li jinnegozja abbozz ta' protokoll supplimentari għall-Konvenzjoni, li jindirizza, fost l-oħrajn, reati kriminali addizzjonali kif xieraq. Dan kien parti minn kompromess li ppermetta l-adozzjoni b'kunsens tat-test finali tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti.

Għall-finijiet tan-negozjar tal-protokoll supplimentari, għandhom isiru żewġ sessjonijiet ta' 10 ijiem kull waħda, bl-ewwel sessjoni ssir bejn it-18 u d-29 ta' Jannar 2027 u bit-tieni waħda issir fl-2028.

L-eżitu tan-negozjati mbagħad għandu jiġi ppreżentat lill-Konferenza tal-Istati Parti għall-Konvenzjoni, għall-kunsiderazzjoni u l-azzjoni ulterjuri tagħha, bil-kundizzjoni li 60 Stat jkunu saru parti għall-Konvenzjoni.

Il-formulazzjoni tar-Riżoluzzjoni ma tantiċipax l-eżitu ta' dawn in-negozjati.

Għall-UE u l-Istati Membri tagħha huwa kruċjali li l-Konvenzjoni tan-NU dwar iċ-Ċiberkriminalità tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun, biex tiġi promossa l-konsistenza fl-isforzi tal-Unjoni għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u forom oħra ta' kriminalità fil-livell globali u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Parti għall-UE u l-Istati Partijiet li

ta' dan il-Protokoll jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 179 u l-Artikolu 181a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 262, 22.9.2006, p. 51–58, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2006/619/oj).

6 In-Nazzjonijiet Uniti, Serje tat-Trattati, vol. 2349, p. 41; Dok. A/58/422. L-UE ffirmat l-UNCAC fil-15 ta' Settembru 2005 u rratifikatha fit-12 ta' Novembru 2008. Ara 2008/801/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (ĠU L 287, 29.10.2008, pp. 1–110, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/801/oj).

7 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/895 tal-24 ta' Mejju 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali, ST/8796/2022/INIT, ĠU L 155, 8.6.2022, pp. 42–48, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/895/oj.

8 Ir-Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fl-24 ta' Diċembru 2024; A/RES/79/243.

9 https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12642-2025-INIT/mt/pdf

10 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/PV-10-2026-05-20-ITM-009-04_MT.html

11 https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9414-2026-INIT/mt/pdf

mhumiex fl-UE, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-individwi. Stati oħra għandhom li jiġu mħeġġa jlestu l-proċess ta' iffirmar u ratifika, biex jippermettu d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni.

Filwaqt li l-UE għandha tkun lesta timpenja ruħha dwar is-sustanza ta' protokoll supplimentari possibbli, għandha ssir riflessjoni dwar l-adegwatezza ta' tali protokoll bil-ħsieb li jiġu vvalutati l-ħtiġijiet potenzjali għal protokoll bħal dan, il-merti u l-fattibbiltà tiegħu. Jekk tittieħed deċiżjoni biex in-negozjati dwar is-sustanza jimxu 'l quddiem, huwa fl-interess tal-Unjoni li tipparteċipa b'mod attiv fin-negozjati biex tippreserva l-valuri ewlenin, l-objettiv u l-iskop tal-Konvenzjoni, tiżgura li kwalunkwe protokoll supplimentari li jista' jirriżulta minnhom ikollu valur miżjud sinifikanti u li jkun kompatibbli mal-Konvenzjoni tan-NU kontra ċ-Ċiberkriminalità, id-dritt internazzjonali pubbliku u d-dritt tal-Unjoni.

Għaldaqstant, din ir-rakkomandazzjoni hija ppreżentata lill-Kunsill skont l-Artikolu 218 TFUE biex tirċievi awtorizzazzjoni biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal abbozz ta' protokoll li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità.

Din ir-rakkomandazzjoni għandha l-għan li tiżgura l-parteċipazzjoni xierqa tal-Unjoni Ewropea f'dawn in-negozjati peress li huma mistennija li jittrattaw elementi relatati mal-leġislazzjoni u l-kompetenza tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam taċ-ċiberkriminalità. L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva "li tikkonkludi ftehim internazzjonali (...) sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom." Ftehim internazzjonali jista' jaffettwa r-regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom meta l-qasam kopert mill-ftehim jikkoinċidi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew ikun kopert fil-biċċa l-kbira mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, peress li, wara l-kunsens tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill diġà awtorizza l-konklużjoni tal-Konvenzjoni tan-NU, ladarba tiġi konkluża mill-UE u l-Istati Membri tagħha, il-Konvenzjoni tan-NU se ssir vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u fuq l-Istati Membri skont l-Artikolu 216(2) TFUE. Mill-mument li l-Konvenzjoni tan-NU tidħol fis-seħħ, id-dispożizzjonijiet tagħha se jiffurmaw parti integrali mill-ordni legali tal-Unjoni.

Peress li n-negozjati se jkunu relatati ma' kwistjonijiet ta' kompetenza tal-Unjoni li mhumiex il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), li huma mistennija li jkunu l-komponenti ewlenin ta' protokoll possibbli, il-Kummissjoni għandha tinħatar bħala kap tat-tim ta' negozjar. Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-PESK, jekk ikun hemm, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tmexxi n-negozjati bħala parti mit-tim. Il-Kap Negozjatur mill-Kummissjoni se jiżgura l-konsistenza ġenerali tal-ftehim. Taħt l-awtorità tal-Kap Negozjatur, is-servizzi tal-Kummissjoni se jkunu minn ta' quddiem għall-partijiet mhux tal-PESK tal-ftehim previst u s-SEAE se jkun fuq quddiem għal dawk il-partijiet tal-ftehimiet previsti li jaqgħu taħt il-PESK.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità hija prijorità għall-Unjoni Ewropea kif rikonoxxuta mill-Kunsill fil-Linji gwida strateġiċi tiegħu tal-2024 għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja[12] u minn ProtectEU tal-2025 tal-Kummissjoni - l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna li tħabbar azzjoni tal-UE biex tindirizza l-kriminalità online u biex tiffaċilita l-aċċess għal evidenza diġitali għar-reati kollha, inkluż permezz ta' strumenti internazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni u evidenza, bħall-iffirmar u l-konklużjoni f'waqthom tal-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li tkompli

[12] Il-Linji gwida strateġiċi għal ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, it-28 ta' Novembru 2024, il-paragrafu 19.

tavvanza u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji f'dan il-qasam, u li tkun żviluppata leġiżlazzjoni nazzjonali dwar iċ-ċiberkriminalità, fejn ma tkunx ipprovduta biżżejjed. Hija tirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa li tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u tappoġġa firxa ta' programmi ta' bini tal-kapaċità f'għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja, inkluż għal pajjiżi li qed jiżviluppaw[13]. Il-Kummissjoni appoġġat il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv (l-IEG) miftuħ[14], il-Kummissjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), il-Kumitat tal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità u korpi oħra. In-negozjati dwar protokoll supplimentari possibbli huma mistennija li jkunu relatati ma' regoli komuni tal-UE għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u regoli komuni oħra għall-ġlieda kontra reati li jistgħu jkunu permessi bl-użu ta' sistemi ta' informazzjoni, bħat-terroriżmu, it-traffikar ta' bnedmin, it-traffikar illeċitu ta' drogi, it-traffikar illeċitu ta' armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. In-negozjati huma mistennija wkoll li jkopru miżuri proċedurali u ta' kooperazzjoni kriminali. In-negozjati għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe protokoll supplimentari għall-Konvenzjoni jiksbu l-ogħla protezzjoni possibbli tad-drittijiet tal-bniedem, u li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonformaw mad-dritt tal-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Konvenzjoni tan-NU kontra ċ-Ċiberkriminalità hija konsistenti mar-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u mal-ftehimiet bilaterali u multilaterali rilevanti li għalihom l-Unjoni Ewropea diġà hija Parti (il-Konvenzjoni ta' Budapest, l-UNTOC, l-UNCAC, eċċ.). Oqsma ta' politika oħrajn tal-Unjoni jibqgħu mhux affettwati. Għalhekk, in-negozjati dwar protokoll futur possibbli li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-NU se jkollhom jiżguraw ukoll l-istess livell ta' koerenza u konsistenza.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

• Bażi legali sostantiva

L-Artikolu 82(1) u (2) TFUE jipprevedi li jistgħu jkunu adottati miżuri biex tkun iffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti tal-Istati Membri fir-rigward ta' proċedimenti f'materji kriminali, u ta' infurzar ta' deċiżjonijiet. L-Artikolu 83(1) TFUE jipprevedi l-istabbiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment serja, bħaċ-ċiberkriminalità, b'dimensjoni transfruntiera li tirriżulta min-natura jew l-impatt ta' tali reati jew minn ħtieġa speċjali li jiġu miġġielda fuq bażi komuni.

• Bażi legali proċedurali

L-Artikolu 218(3) TFUE jipprevedi li, meta l-ftehim previst ma jkunx jirrigwarda esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina n-negozjatur tal-Unjoni jew il-kap tat-tim tan-negozjati tal-Unjoni. L-Artikolu 218(4) TFUE jipprevedi li l-Kunsill jista' jindirizza direttivi

---

13 Ara, pereżempju, l-Azzjoni Globali dwar iċ-Ċiberkriminalità Msaħħa (GLACY-e), permezz ta' https://www.coe.int/en/web/cybercrime/glacy-e.

14 Fil-21 ta' Diċembru 2010, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-Riżoluzzjoni 65/230 li titlob lill-Kummissjoni għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u għall-Ġustizzja Kriminali (CCPCJ) tistabbilixxi grupp ta' esperti intergovernattiv (l-"IEG") miftuħ biex iwettaq studju komprensiv dwar il-problema taċ-ċiberkriminalità.

ta' negozjati lin-negozjatur u jaħtar kumitat speċjali biex jikkonsulta lin-negozjatur. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jinfetħu negozjati f'isem l-Unjoni fin-Nazzjonijiet Uniti għal abbozz ta' protokoll li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità. Il-Kummissjoni għandha tiġi nnominata bħala negozjatur. Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Azzjoni unilaterali ma tipprovdix alternattiva. Dan ma jipprovdix bażi suffiċjenti għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE. Dan jipprevjeni wkoll lill-UE milli titkellem b'vuċi waħda u b'hekk iċaħħad kemm lill-UE kif ukoll lill-Istati Membri tagħha mill-influwenza fin-negozjati, li diġà wriet li kienet effettiva matul in-negozjati tal-Konvenzjoni tan-NU. L-adeżjoni ma' ftehim multilaterali bħal protokoll possibbli tal-Konvenzjoni tan-NU, li l-Unjoni nnegozjat, hija aktar effiċjenti milli tidħol f'negozjati ma' pajjiżi individwali li mhux tal-UE fil-livell bilaterali.

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika inkwistjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Din ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill qed issir f'konformità mal-Artikolu 218(3) u (4) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati u li taħtar in-negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza wkoll id-direttivi ta' negozjati lin-negozjatur. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-objettiv espress f'din ir-rakkomandazzjoni.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni ppubblikat sejħa għal evidenza[15] għar-rakkomandazzjoni tagħha għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, għar-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Istati Parti u għal abbozz ta' protokoll li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità fuq is-sit web tagħha fl-1 ta' Lulju 2026, li kien disponibbli għall-kummenti għal 4 ġimgħat.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qieset il-fehmiet espressi mill-esperti tal-Istati Membri matul id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill fit-tħejjija tan-negozjati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux Applikabbli

---

15 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/18472-Ciberkriminalita-negozjar-tar-regoli-procedurali-u-abbozz-ta-protokoll-g%C4%A7all-Konvenzjoni-tan-Nazzjonijiet-Uniti-kontra-c-Ciberkriminalita_mt

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

In-negozjati x'aktarx ikopru elementi li jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali bħal miżuri kriminali proċedurali, definizzjonijiet ta' reati kriminali li jistgħu jkunu l-bażi għal proċediment kriminali, jew aċċess għal data personali ta' persuna miksuba fil-kuntest ta' proċediment kriminali. Id-dispożizzjonijiet li jridu jiġu nnegozjati jistgħu jaffettwaw, pereżempju, id-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Peress li kwalunkwe protokoll supplimentari ma għandux jikkompromettil-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fl-Unjoni, din l-inizjattiva tipproponi li jkun imfittex li jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri tal-UE jista' jkollhom kostijiet ta' darba għall-implimentazzjoni tal-protokoll ladarba n-negozjati jiġu konklużi, iżda mhuwiex possibbli li dawn il-kostijiet jiġu ddeterminati f'dan l-istadju peress li n-negozjati għadhom ma bdewx kompletament.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proċess ta' negozjar ta' abbozz ta' protokoll huwa mistenni li jkopri perjodu sal-2028, li warajh jistgħu jseħħu l-iffirmar u l-konklużjoni tal-protokoll. L-inizjattiva tipproponi li l-proċess tan-negozjati jkun miftuħ, inklużiv u trasparenti.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni jafdaw lill-Kummissjoni bl-awtorizzazzjoni li tiftaħ u tmexxi negozjati f'isem l-Unjoni ta' protokoll supplimentari għall-Konvenzjoni. L-Anness jagħti dettalji dwar id-direttivi ta' negozjar, filwaqt li jistabbilixxi l-objettivi ġenerali li għandhom jiġu segwiti matul in-negozjati. Id-direttivi ta' negozjar jidentifikaw ukoll l-objettivi sostantivi li għandhom jintlaħqu matul in-negozjati fir-rigward tal-abbozz ta' Protokoll. Fl-aħħar nett, id-direttivi ta' negozjar jistabbilixxu l-proċedura għan-negozjati li trid tkun segwita mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar informazzjoni regolari li trid tingħata lill-Kunsill.

Rakkomandazzjoni għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza l-parteċipazzjoni fin-negozjati fin-Nazzjonijiet Uniti, f'isem l-Unjoni Ewropea, għal abbozz ta' protokoll li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu82(1) u (2), u l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Diċembru 2024, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-riżoluzzjoni A/RES/79/243 dwar il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità; It-It-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Ġlieda Kontra Ċerti Reati Mwettqa Permezz ta' Sistemi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u għall-Kondiviżjoni tal-Evidenza f'Forma Elettronika ta' Reati Serji, filwaqt li jiġi deċiż li l-Kumitat *Ad Hoc* għandu jkompli l-ħidma tiegħu, *mutatis mutandis*, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali 74/247 u 75/282, bil-ħsieb li jiġi nnegozjat abbozz ta' protokoll supplimentari għall-Konvenzjoni, li jindirizza, fost l-oħrajn, reati kriminali addizzjonali kif xieraq, u li, għal dak l-għan, żewġ sessjonijiet ta' 10 ijiem kull waħda, bl-ewwel sessjoni ssir sentejn wara l-adozzjoni tal-Konvenzjoni mill-Assemblea Ġenerali u t-tieni sessjoni fis-sena kalendarja ta' wara, fi Vjenna u fi New York, rispettivament, għandhom jitlaqqgħu għall-fini tal-preżentazzjoni tal-eżiti lill-Konferenza tal-Istati Parti għall-Konvenzjoni, għall-kunsiderazzjoni tagħha u għal azzjoni ulterjuri, f'konformità mal-Artikoli 57, il-paragrafu 5(g), 61 u 62 tal-Konvenzjoni.

(2) Is-sustanza tal-protokoll supplimentari possibbli għall-Konvenzjoni tan-NU kontra ċ-Ċiberkriminalità tista' taffettwa r-regoli komuni tal-Unjoni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

(3) Sabiex tiġi protetta l-integrità tad-dritt tal-Unjoni u jiġi żgurat li r-regoli tad-dritt internazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni jibqgħu konsistenti, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tipparteċipa, flimkien mal-Istati Membri, fi kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, kif definit mit-Trattati, fin-negozjati dwar protokoll supplimentari għall-Konvenzjoni tan-NU kontra ċ-Ċiberkriminalità.

(4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif definit mit-Trattati, għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fin-negozjati għal protokoll li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-NU, f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, u għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti biex jiġi konkluż, iffirmat jew ratifikat tali protokoll.

(5) Id-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni huma indirizzati lill-Kummissjoni u jistgħu jiġu riveduti u żviluppati aktar jekk xieraq skont l-evoluzzjoni tan-negozjati.

(6) F'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib matul il-proċess ta' negozjati, inkluż permezz ta' kuntatti regolari mal-esperti u r-rappreżentanti tal-Istati Membri fi New York u Vjenna.

(7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [...]

(8) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha [, permezz ta' ittra datata …,] li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.] jew [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]

(9) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru. 22 dwar il-pożizzjoni tar-Renju tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju tad-Danimarka mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ma huwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(10) L-Unjoni jenħtieġ li tieħu sehem fin-negozjati dwar il-protokoll possibbli li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-parteċipazzjoni fin-negozjati fin-Nazzjonijiet Uniti għal protokoll supplimentari għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità li Ssaħħaħ il-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Ġlieda Kontra Ċerti Reati Mwettqa Permezz ta' Sistemi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u għall-Kondiviżjoni tal-Evidenza f'Forma Elettronika ta' Reati Serji hija b'dan awtorizzata fir-rigward ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kompetenza tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

Id-direttivi tan-negozjati stabbiliti fl-*addendum* ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

In-negozjati għandhom jitmexxew b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali li huwa b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) TFUE.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*